# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 3 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 190/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alex Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezrkuttiva kontra Alex Portelli talli fid-9 ta' Jannar, 2000, ghall-habta tan-00.30 a.m., fi Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, saq vettura numru KBB-987 (**1**) b'manjiera traskurata, (**2**) perikoluza, (**3**) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragrni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura numru GVP-137 u involontarjament ikkagunalha hsara a dannu tal-Gvern ta' Malta (Malta Police), u aktar (**4**) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa, salv kumplikazzjonijiet, fuq il-persuna ta' P.C. 1169 Stephen Scifo u P.C. 224 Jason Farrugia skond kif iccertifikat minn Dott. M. T. Schembri Wismayer M.D. tal-Isptar San Luqa; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imsemmi Alex Portelli mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet preskritti u ddifferiet il-kawza sabiex ikomplu jinstemghu l-provi fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet l-ohra;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijient fl-udjenza tal-Hamis, 29 ta' Novembru, 2001; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement huma dawn: fl-udjenza tal-24 ta’ Jannar, 2001 – li jidher li kienet l-ewwel udjenza li fiha effettivament deher l-imputat quddiem il-Qorti Inferjuri – id-difensur ta’ l-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni trimestrali fir-rigward tat-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet. Wara diversi differimenti, fl-udjenza tat-3 ta’ Ottubru dik il-qorti ddikjarat l-azzjoni fir-rigward ta’ l-imsemmija zewg imputazzjonijiet preskritta, u kompliet tisma’ x-xhieda fir-rigward ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra (in fatti l-kawza fuq dawn l-imputazzonijiet l-ohra tinsab differita ghall-10 ta’ Dicembru, 2001).

L-appellat Portelli jikkontendi li l-Avukat Generali m’ghandux dritt ta’ appell f’dana l-kaz peress li l-Artikolu 415(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa ‘l quddiem jista’ jsir biss wara s-sentenza definittiva u flimkien ma’ l-appell minn din is-sentenza. Il-kwistjoni hi, ghalhekk, jekk is-sentenza tat-3 ta’ Ottubru, 2001 hix “digriet interlokutorju” jew “sentenza definittiva”.

Ma hemmx dubbju li l-gurisprudenza taghna tat definizzjoni pjuttost ampja tal-espressjoni “digriet interlokutorju” – ara, per ezempju, ***Il-Pulizija v. Salvu Galea*** App. Krim. 5/3/1992; ***Il-Pulizija v. Carmelo Abala*** App. Krim. 20/1/1997; ara wkoll Harding, W. **Recent Criminal Cases Annotated**, pagna 155, para. 82). Pero` huwa evidenti wkoll li meta l-provvediment li jkun – sejjahlu digriet jew sentenza parzjali – jiddisponi mill-mertu jew minn parti mill-mertu b’mod definittiv, bhalma huwa fil-kaz meta l-azzjoni fir-rigward ta’ imputazzjoni tigi dikjarata preskritta, wiehed ma jkunx qieghed jitkellem aktar dwar digriet interlokutorju izda dwar sentenza vera u proprja. Fil-kaz in dizamina, ghalkemm il-kawza ghadha miexja fil-konfront ta’ zewg imputazzjonijiet, fil-konfront ta’ zewg imputazzjonijiet ohra (it-tielet u r-raba’) il-kawza effettivament hi impeduta milli titmexxa ‘l quddiem. Din il-Qorti, inoltre, tosserva li huwa ferm indesiderabbli li sentenza dwar il-preskrizzjoni ta’ xi whud mill-akkuzi tinghata seperatament u indipendentement mill-pronunzjament dwar il-kumplament ta’ l-akkuzi; qorti ghandha dejjem tipprova tevita problemi procedurali u mhux tistedinhom[1]. Ghalhekk l-eccezzjoni ta’ l-inappellabilita` sollevata mill-appellat qed tigi respinta.

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu fis-sens li t-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet jipotizzaw reati li huma delitti u mhux kontravvenzjonijiet, u ghalhekk il-preskrizzjoni hija dik ta’ sentejn (Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali). Ftit li xejn ghandha din il-Qorti xi tghid dwar dana l-aggravju hlief li l-Avukat Generali ghandu ragun, u li hu evidenti li l-avukat difensur, bin-nota tieghu tas-26 ta’ Marzu, 2001, sgwida kompletament lill-ewwel qorti. Il-preskrizzjoni ta’ tlett xhur tapplika biss ghall-kontravvenzjonijiet u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet (Art. 688(f)). Ghad-delitti li jistghu jkunu soggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet tapplika l-preskrizzjoni tas-sentejn. It-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet jipotizzaw delitti u mhux kontravvenzjonijiet – ir-reati kollha li jinsabu fit-Taqsima II ta’ l-Ewwel Ktieb tal-

---

[1] Ara f’dan ir-rigward, ghalkemm f’kuntest differenti, ***Il-Pulizija v. Robert Pace*** App. Krim. 15/12/1999.

Kodici Kriminali huma delitti; huma kontravvenzjonijiet dawk li jinsabu fit-Taqsima III.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u torrevoka s-sentenza appellata, u tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tkompli tisma' l-kawza fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha (inkluzi, ghalhekk, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet) u tiddecidiha skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep.Registratur